SANTA LUĊIJA

# LAQGĦA TAL-LOKALITA` - 2018

**DATA: Is-Sibt, 13 ta' Jannar 2018** **ĦIN: 10.00a.m.**

Il-Laqgħa tal-Lokalita` saret fit-Tea Room, fi Ġnien is-Serenita'.

Attendew għal-laqgħa: Is-Sindku, Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar, il-Kunsilliera: Liam Sciberras u Joseph Bonello. Preżenti kien hemm ukoll is-Segretarju Eżekuttiv Caroline Silvio, l-Assistent Prinċipal Louise Gatt, Angele' Marie Brincat Assistenta tal-Uffiċċju flimkien ma' numru ta' residenti.

Assenti: Il-Kunsilliera Caroline Galea ma attendietx għall-laqgħa għax kienet tinsab indisposta.

## 1. MERĦBA MIS-SINDKU

Is-Sindku, filwaqt li sellem lil dawk preżenti u tahom merħba, stqarr li din il-laqgħa pubblika kienet qed issir kif provdut fl-Att Dwar il-Kunsilli Lokali.

## 2. RAPPORT AMMINISTRATTIV

Is-Sindku għadda biex qara u spjega Rapport Amministrattiv li ġie ppreparat mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill u li jkopri l-perjodu minn l-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2017. Fost l-aktar affarijiet importanti li ssemmew insibu:

- Proġett tal-Jogging Track
- Kisi ta' Toroq bit-*Tarmac*
- Fondi għall-Kisi ta' Toroq f'Wied Garnaw taħt Measure 4.3
- Xogħol ta' Manutenzjoni
- *Street Lighting*
- Żamma ta' Ġonna Pjazzez u *Playing Field*
- Librerija Pubblika u *IT Centre*
- Euope for Citizens Project FLOWS u 2 Will
- Amministrazzjoni

Waqt il-qari ta' dan ir-rapport ittellgħet *power point presentation* bir-ritratti tal-proġetti u inizjattivi li twettqu matul is-sena 2017.

Kopja ta' dan ir-rapport qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

## 3. PJAN TA’ ĦIDMA GĦAS-SENA 2018

Is-Sindku qara Pjan ta’ Ħidma li l-Kunsill għandu għas-sena 2018. Huwa spjega fid-dettal il-punti kollha li hemm imsemmija f’dan ir-rapport li kopja tiegħu qed tiġi annessa ma’ dawn il-minuti. Fost dawn insibu:

- Allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2018
- Proġetti għas-Sena 2018
- Xogħol ta’ *Upgrading*
- Attivitajiet u Inizjattivi indirizzati lejn il-komunita’

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti, li kien għadu kif ġie nfurmat li l-Awtorita’ tad-Djar ser tkun qed tagħmel xogħol ta’ manutenzjoni intensiva fuq l-erba’ binjiet tal-Gvern li hemm f’Pjazza Dorell.

Kopja ta’ dan ir-rapport qed tiġi annessa ma’ dawn il-minuti.

## 4 KUMMENTI U SUĠĠERIMENTI TAR-RESIDENTI

### 4.1 Is-Sur Joe Soler

Is-Sur Joe Soler qal li xtaq jagħmel tlett rimarki. Huwa irrefera għall-allokazzjoni finanzjara u kif din tiġi mqassma skond il-funzjonijiet. Huwa rrimarka li l-fondi li jingħataw lill-Kunsill għal knis ta’ toroq u għal tindif u żamma ta’ ġonna huma għoljin. Huwa semma s-servizz li qed jingħata fir-rigward tat-trasport pubbliku u qal li l-ħinijiet tar-rotot mhux qed ikunu kostanti. Is-Sur Soler qal proset lill-Kunsill għal ħidma li jwettaq fil-lokalita’ u qal ukoll li xtaq jgħid proset għat-tiżjin tat-toroq bid-dawl tal-Milied.

### *4.2 Is-Sinjorina Karen Mamo*

Is-Sinjorina Mamo tkellmet fuq is-servizz tat-Trasport Pubbliku u qalet li hi tagħmel użu minn dan is-servizz u jkun hemm każi fejn jinqabżu r-rotot. Hija staqsiet ukoll x’inhi r-raġuni li r-rotta 226, li twasslek l-isptar Mater Dei, tgħaddi minn Hal Qormi bil-konsegwenza lir-rotta iddum ma tasal.

Hija issurġġeriet li jitħawlu siġar tal-frott u l-frott li jkun hemm jitqassam lill-anzjani. Is-Sinjorina Mamo qalet li kienet bagħtet *e-mail* il-Kunsill b’diversi suġġerimenti.

### 4.2.1 *Kumment mill-Viċi Sindku*

Il-Viċi Sindku qal li fil-lokalita' kien hawn siġar tal-frott iżda kien hawn it-tendenza li dan kien jinsteraq meta kien ikun għadu lanqas biss tajjeb biex jittiekel. Huwa qal li din l-inizjattiva trid issir f'post li jingħalaq bħall-Ġnien tal-Iskultur.

### 4.3 *Is-Sinjura Catherine Polidano*

Is-Sinjura Polidano irringrazzjat lill-Kunsill talli għoġbu jisma l-*feedback* tar-residenti. Hija qalet li l-inzjattiva li ssemiet fir-rapport amministrattiv fir-rigward ta' tfal li jżuru lill-anzjani għoġbita' ħafna. Is-Sinjura Polidano qalet li fil-minuti tal-laqgħa tal-lokalita' tas-sena ta' qabel ma kienx hemm referenza għal dak li kienet qalet dwar it-tindif. Hija qalet ukoll li ma rċevietx *acknowledgement* tal-*e-mail* li bagħtet fir-rigward tal-Jogging Track.

Is-Sinjura Polidano tkellmet dwar is-servizz tal-knis u qalet li l-kennies jiġbor waħda minn tlieta. Hija staqsiet jekk il-Kunsill għandux *supervisor* fuq dan ix-xogħol biex jara hux qed ikollu *good value for money*.

Is-Sinjura Polidano tkellmet ukoll fuq il-bżonn li jkun hawn CCTV Cameras minħabba l-iskart. Hija qalet li Santa Luċija saret lokalita' maħmuġa speċjalment fl-*area* ta' *neighbourhood one*.

Fil-kummenti tagħha s-Sinjura Polidano saħqet ħafna fuq *landscaping* tal-*green areas* u qalet li hemm bżonn ta' tindif holistiku ta' dawn iż-żoni. Semmiet ukoll il-ħitan tas-sejjieħ u qalet li dawn għandhom bżonn tal-manutenzjoni. Għamlet referenza għal *belvedere* u qalet li hemm siġar invasivi li jkissru l-ħitan.

Rigward it-trasport pubbliku hija qalet li dan mhux affidabbli.

### 4.4 *Is-Sur Victor Pisani*

Is-Sur Pisani rringrazzja lis-Sindku, Viċi Sindku u Kunsilliera kif ukoll lill-amministrazzjoni tal-Kunsill. Rigward il-ġonna huwa qal li l-fondi li jonfoq il-Kunsill fuq il-ġonna huma flus minfuqin tajjeb. Is-Sur Pisani qal li dak li mhux perfett fil-lokalita' mhux tort tal-Kunsill iżda huwa riżultat ta' nuqqas ta' koperazzjoni mir-residenti. Huwa qal lin-nuqqasijiet fit-trasport pubbliku mhux tort tal-Kunsill u stqarr li Trasport Malta nefqet il-miljuni u x-xuffiera xorta jitilqu.

Is-Sur Pisani qal li suġġerimenti kellu tnejn. Huwa qal li fil-ħinijiet li tispiċċa l-iskola tas-sekondarja tal-bniet ikun hemm ġenituri li jiġu jistennew l-istudenti u jipparkjaw fit-triq li minna tidħol ġo Santa Luċija bil-konsegwenza li kif wieħed ikun dieħel ġo Santa Luċija minn Triq Luqa jsib karrozza ipparkjata ma' wiċċu.

Fit-tieni suġġeriment tiegħu s-Sur Pisani qal li xtaq li jsir tindif fil-Promenade għax isir ħafna *dumping* f'din l-*area*.

### 4.4.1 Kummenti mis-Sindku

Is-Sindku tkellem dwar is-servizz tal-karrozzi tal-linja. Huwa qal li s-servizz irranġa ħafna. Huwa qal li l-għan tal-Kunsill huwa li nkomplu nitkellmu ma' Trasport Malta biex ir-residenti ikun moqdi aħjar. Is-Sindku qal li r-rotta bin-numru 80 ser tibda tgħaddi mir-Raħal Ġdid ukoll. Huwa qal ukoll li l-Kunsill jibqa jgħaddi l-ilmenti kollha tar-residenti lill-Trasport Malta.

### 4.4.2 Kumment mill-Viċi Sindku

Il-Viċi Sindku qal li il-ħinijiet tar-rotot jiġi affettwat ukoll mit-traffiku. Huwa qal lit-toroq ma jifilħux għal dak it-traffiku kollu u huwa għalhekk li qed isiru l-proġetti.

### 4.5 Emmanuel Cutajar

Is-Sur Cutajar qal li qabel kien hawn trasport tajjeb għax il-karrozzi kienu jgħaddu kollha mir-Raħal Ġdid. Huwa qal li l-ħin tal-rotta lejn l-isptar irid ikun aktar raġonevoli.

### 4.5.1 Kummenti tas-Sindku

Is-Sindku qal li r-rotta numru 80 saret flok ir-rotta 115 biex ikunu aġevolati r-residenti ta' Santa Luċija.

### 4.6 Is-Sur Thomas Azzopardi

Is-Sur Azzopardi tkellem dwar in-nuqqas ta' pulizija fl-għassa u qal li kien hawn pulizija *part-time* li miet u issa l-għassa qed tkun mingħajr pulizija. Huwa staqsa min ser ifferraq iż-żgħażagħ li jkun hemm fil-*playing field* sas-siegħa ta' filgħodu f'każ li jkun hemm xi ġlied u storbju.

### 4.6.1 Kummenti tas-Sindku

Is-Sindku qal li jaqbel mar-residenti fuq il-problema tal-pulizija.

### 4.7 Is-Sur Joe Attard

Is-Sur Attard tkellem fuq Triq il-Ġnien u qal li din saret ħażin u qal li minkejja li sar *gutter*, meta tagħmel ħafna xita xorta jkun hemm ħafna ilma.

### *4.7.1 Kummenti tas-Sindku*

Is-Sindku qal li sar ħafna minn naħa tal-Kunsill biex tiġi rranġata l-problema. Huwa qal li saret bankina u *gutter* li taffew sew il-problema. Is-Sindku qal li għandu jsir soll fl-entratura biex meta tagħmel ħafna xita u l-*gutter* ma jleħħaqx, l-ilma ma jidħolx ġewwa. Huwa qal ukoll li kien ser ikellem lill-perit dwar il-problema.

### *4.7.2 Kumment mill-Viċi Sindku*

Il-Viċi Sindku ppropona li jittieħed *core sample* tat-triq.

### *4.8 Is-Sur Joseph Soler*

Is-Sur Soler reġa' tkellem u staqsa dwar il-proġett tat-*tunnels* li ser isir fi Triq tal-Barrani. Huwa staqsa jekk hux ser jintmiss il-Jogging Track u staqsa wkoll jekk hux qed jiġi kkonsultat il-Kunsill dwar dan il-proġett. Is-Sur Soler xtaq ikun jaf ukoll kif in-nies ta' Santa Luċija ser ikunu jistgħu jaqsmu lejn Raħal Ġdid.

### *4.8.1 Tweġiba tas-Sindku*

Is-Sindku qal li l-Kunsill qiegħed jiġi kkonsultat dwar dan il-proġett. Huwa kkonferma li ser jintmiss il-Jogging Track mis-*subway* 'il fuq. Huwa qal li l-Jogging Track ser jintmiss b'madwar ħmistax il-metru iżda l-faċilitajiet mhux ser jintilfu iżda jridu jersqu aktar lejn in-naħa ta' Triq il-Ġnien. Rigward is-*subway* huwa qal li din ser tinbidel kompletament u ser tkun aktar aċċessibli għal persuni bi bżonnijiet speċjali. Is-Sindku qal ukoll li biex taqsam għar-Raħal Ġdid wieħed jista' joħroġ mit-Traffic Light Junction fi Triq Luqa u mis-*subway.*

## 5. DISKORS TAL-GĦELUQ

Is-Sindku stieden lil membri tal-Kunsill biex jgħaddu l-messaġġ tagħhom lil pubbliku preżenti għal din il-laqgħa.

### *5.1 Il-Kunsillier Joe Bonello*

Il-Kunsillier Joe Bonello irringrazzja lil dawk preżenti u xtaqilhom is-sena t-tajba. Huwa talab għal aktar koperazzjoni fir-rigward tal-ħruġ tal-boroż tal-iskart u saħaq biex dawn jinħarġu fil-ħin u l-ġurnata tagħhom. Huwa qal li b'kommunazzjoni tajba u kalma naslu u nimxu l-quddiem.

### *5.2 Il-Kunsillier Liam Sciberras*

Is-Sur Sciberras awgura l-ġurnata t-tajba lil dawk preżenti u rringrazzjahom talli attendew għal din il-laqgħa. Huwa qal li qed jinnota li dawk preżenti huma ta' etajiet diversi u dan jawgura tajjeb għax jidher li hemm interess fil-lokalita'.
Huwa qal li ħa xi noti ta' dak li ntqal u ħafna mill-punti mqajjma jiġu diskussi fil-laqgħat tal-Kunsill ta' kull xahar. Rigward is-*survey* li sar fuq il-venda huwa qal li dan issa qiegħed f'idejn Transport Malta.

Rigward l-iskart huwa qal li jara li ċertu skart jibqa' jinħareġ minkejja s-servizz b'xejn li jingħata mill-Kunsill. Huwa appella biex kulħadd ikun ftit responsabbli għax jekk kulħadd jagħmel l-almu tiegħu ikun hawn aktar indafa fil-lokalita' u jġawdi minnha kulħadd. Il-Kunsillier Sciberras għalaq id-diskors tiegħu billi qal li hu jemmen li għandhom ikunu l-membri tal-Kunsill li jmorru għand ir-residenti biex jisimgħu dak li għandhom xi jgħidu fir-rigward tal-Lokalita'.

### *5.3 Il-Viċi Sindku Frederick Cutajar*

Is-Sur Cutajar tkellem dwar it-trasport pubbliku. Huwa qal li dan is-servizz kien beda b'rotta waħda u minn dejjem kien hawn xi ftit problemi. Huwa semma d-diversi rotot li jgħaddu minn Santa Luċija fosthom għal ajruport u dik li twasslek sa San Pawl il-Baħar. Huwa qal li fil-preżent qegħdin ħafna aħjar milli konna qabel.

Rigward it-tindif u l-ġbir ta' skart huwa qal li dawn huwa problemi komuni f'kull lokalita'. Huwa qal li diffiċli ssib servizz tajjeb mija fil-mija. Rigward il-kennies huwa qal li dan jaraxa t-triq qiegħed u mhux jiknisa. Huwa qal li l-istaff tal-Kunsill isegwu kull ilment u jinfurmaw minnufih lill-kuntrattur.

Huwa għalaq id-diskors tiegħu billi irringrazzja lis-Sindku u l-sħabu l-Kunsilliera kif ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tagħha.

### *5.4 Is-Sindku Terrence Ellul*

Is-Sindku qal li xtaq jirringrazzja lill-istaff tal-Kunsill tal-ħidma tagħhom fl-amministrazzjoni tal-uffiċċju tal-Kunsill.

Is-Sindku tkellem dwar l-inkonvenjent li jista jinħoloq minn storbju li jagħmlu ż-żgħażagħ. Huwa ħeġġeġ biex ir-residenti jagħmlu rapport lill-pulizija. Huwa qal li bl-għajnuna tar-residenti l-Kunsill jaħdem aħjar. Huwa qal li r-residenti u l-Kunsill għandhom jiġbdu ħabel wieħed. Huwa qal li l-Kunsill jiskuża ruħhu dwar is-servizz li qed jingħata mill-kennies. Huwa qal lil dawk preżenti biex ma jiddejqux jgħidu lill-Kunsill dwar min mhux qed joħroġ il-borża tal-iskart fil-ħin.

Is-Sindku għalaq id-diskors tiegħu billi awgura s-sena t-tajba lill-kulħadd u rringrazzja lil sħabu membri tal-Kunsill tax-xogħol kollu li jsir fil-lokalita'.

## 6. TMIEM

Il-laqgħa ntemmet fil-11.45a.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum, it-Tlieta 30 Jannar 2018**

**Terrence Ellul**
**Sindku**